# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Hamis, 1 ta' Ġunju, 2017**

**Kawża Nru 48**

**Rikors Nru. 89/17JRM**

**TRADEMARGIN LIMITED** (C-16388)

vs

**SIERRA STATIONERY & BOOKSHOP LTD.** (C-75553)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-27 ta' Jannar, 2017 li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf ħames mija u sbatax-il euro u sebgħa u

disgħin ċenteżmi (€15517.97) li tirrapreżenta merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-istess kumpannija mħarrka fuq talba tagħha.

Talbet ukoll il-ħlas tal-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata li naqset li tressaq kontestazzjoni għat-talba tal-kumpannija attriċi, imma ntalab li tingħata żmien biex tirregola ruħha dwar il-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi;

Rat iż-żewġ Noti mressqin mill-kumpannija attriċi fit-23 ta' Frar, 2017, u fis-6 ta' Marzu, 2017, li bihom naqqset l-ammont pretiż minħabba ħlasijiet magħmulin fil-mori tal-kawża;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-11 ta' April, 2017, li biha qablu dwar il-bilanċ li kien għadu dovut mill-kumpannija mħarrka lill-kumpannija attriċi sa dakinhar;

Rat li, minn dakinhar sallum, il-kumpannija mħarrka baqgħet ma ħallsitx il-bilanċ maqbul;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' tmien mija u ħdax-il euro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€811.12) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjati flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-27 ta' Jannar, 2017, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

3) **Tikkundanna** lill-entita mħarrka **tħallas l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**1 ta' Ġunju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**1 ta' Ġunju, 2017**